**Deċiżjoni tal-Ispeaker Anġlu Farrugia dwar għeluq ta' każ ta' prima facie każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Adrian Delia**

Is-Sedja tagħmel referenza għar-ruling li tat fis-seduta 456 ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' April 2026, dwar it-talba ta' ksur ta' privileġġ li saret mill-Onor. Adrian Delia. F'dak ir-ruling is-Sedja sabet ħati *prima facie* ta' ksur ta' privileġġ lill-persuna li bagħtet il-messaġġ lill-istess Onor. Adrian Delia u indikata mill-istess Onor. Adrian Delia, u dan a tenur tal-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati.

F'dak l-istess ruling is-Sedja ordnat lill-Iskrivan tal-Kamra sabiex tinforma lill-persuna li bagħtet il-messaġġ lill-Onor. Adrian Delia bl-eżitu kollu tar-ruling u li f'każ li jkun hemm irtirar bla riżerva – fuq din ir-ruling kien ċar – tal-kontenut kollu tal-messaġġ li ntbagħat kif indikat fid-dokument ippreżentat mill-Onor. Delia, is-Sedja tkun f'pożizzjoni li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha.

Wara li saret tali komunikazzjoni mill-Iskrivan tal-Kamra, fil-21 ta' April 2026 il-persuna li bagħtet il-messaġġ wieġbet hekk, u se naqra eżatt ir-risposta bil-miktub li waslet fil-Parlament *tramite* l-Iskrivan tal-Kamra:

> "Ngħarrfek li rċevejt il-messaġġ tiegħek u nikkonferma li se nirtira bla riżerva il-kontenut kollu tal-messaġġ li ntbagħat minni kif indikat fid-dokument preżentat mill-istess Onor. Adrian Delia."

Għalhekk, għall-fini ta' proċedura parlamentari, fiċ-ċirkostanzi s-Sedja tagħmel referenza għar-ruling li tat preċedentement fuq xi ħaġa simili fis-Seduta 449 tad-19 ta' April 2021, fejn tiddikjara illi wara li kien hemm l-irtirar komplet, ma jeżistux aktar iċ-ċirkostanzi u l-elementi li jiġġustifikaw sejbien ta' każ ta' ksur ta' privileġġ fil-każ imsemmi.

Is-Sedja, kif kien fid-dover tagħha, tat lill-Onor. Delia l-protezzjoni kollha skont il-liġi u l-proċedura imma ovvjament il-messaġġ ġie kollu rtirat.

Ir-ruling huwa deċiż.